Programm tal-Festa Solenni tan-Nawfraġju ta' San Pawl li se ssir fl-Insinji, Kolleġġjata, Matriċi, Veskovili, Parrokkjali u Prinċipali tal-Belt Valletta

GĦAQDA TAL-PAWLINI A.D. 1970

# Programm tal-Festa – 10 ta' Frar 2019

**IS-SIBT, 19 TA' JANNAR**

**KONĊELEBRAZZJONI U ĦRUĠ TAL-VARA TA' SAN PAWL MIN-NIĊĊA**

5.30 pm Rużarju

6.00 pm Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet, Kan. Pen. Dun Vinċenz Borg. Fi tmiem il-Quddiesa, tiġi esegwita l-Antifona Sancte Paule ta' Mro. Dott. Paolo Nani. Wara l-konċelebrazzjoni solenni, isir il-ħruġ tal-vara ta' San Pawl min-niċċa akkumpanjata minn innijiet popolari Pawlini u tingħad il-kurunella mill-Kan. Teżorier Dun Ġwann Ciarlò. Diskors mill-President tal-Għaqda tal-Pawlini, is-Sur Mario Cassar. Diskors mill-Arċipriet fuq il-valur tal-Festa.

9.00 pm Dinner Dance fil-Westin Dragonara organizzat mill-Għaqda tal-Pawlini.

**IL-ĦADD, 20 TA' JANNAR**

11.45 am Quddiesa animata miż-żgħażagħ Pawlini. Iqaddes il-Kan. Magister Carmelo Busuttil, Arċipriet tal-Birgu.

6.00 pm Quddiesa għas-suċċess tal-Festa u biex jinkiseb il-frott spiritwali. Issir il-ħatra ta' kanonċi ġodda.

**IT-TNEJN, 21 TA' JANNAR**

6.00 pm Quddiesa bil-prietka mill-Kan. Dun Antoine Borg. Mistiedna speċjali l-letturi tal-Kelma ta'Alla.

**IT-TLIETA, 22 TA' JANNAR**

**JUM IL-KARITÀ**

6.00pm Quddiesa bil-prietka mill-Kan. Dun Stefan Galea. Mistiedna l-membri tal-Arċikonfraternità tal-Madonna tal-Karità u l-membri tas-Soċjetà San Vinċenz de Paul.

**L-ERBGĦA, 23 TA' JANNAR**

6.00 pm Quddiesa animata mill-Parroċċa ta' Ħal Safi li qed tiċċelebra l-175 anniversarju mindu saret u bdiet tiġi meqjuma l-vara ta' San Pawl ta' Ħal Safi, li hi kopja ta' dik tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Jiċċelebra l-Kan. Dun David Farrugia, Kappillan ta' Ħal Safi.

**IL-ĦAMIS, 24 TA' JANNAR**

6.00 pm Quddiesa

6.30 pm Adorazzjoni għall-Għaqda tal-Knejjes.

**IL-ĠIMGĦA, 25 TA' JANNAR**

**FESTA TAL-KONVERŻJONI TA' SAN PAWL**

6.00 pm Quddiesa letta fl-Oratorju tal-Madonna tal-Karità. Iqaddes il-Kan. Dun Stefan Galea.

6.30 pm Servizz Ekumeniku Nazzjonali. Jippresiedi l-Arċisqof Mons Charles J. Scicluna. Jippriedka l-Kan. Simon Godfrey, Kanċillier tal-Pro-Katidral Anglikan ta' San Pawl.

**IS-SIBT, 26 TA' JANNAR**

6.00 pm Quddiesa animata mill-grupp tal-Mixja Neokatekumenali. Iqaddes il-Kan. Patri Charles Tabone O.P. Mistiedna wkoll il-koppji miżżewġin. Isir it-tiġdid tal-wegħdiet taż-żwieġ.

7.00 pm Il-Vjaġġ – Serata Mużiko-Letterarja imtella' mill-Akkademja Kulturali Pawlina fil-Knisja Kolleġġjata.

**IL-ĦADD, 27 TA' JANNAR**

6.00 pm Quddiesa f'ġieħ Sant'Angela Merici animata mill-Membri tal-Għaqda. Iqaddes il-Kan. Dun Lawrenz Zammit.

8.00 pm Riċeviment mogħti mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

**IT-TNEJN, 28 TA' JANNAR**

6.00 pm Quddiesa organizzata mill-Ladies Circle. Iqaddes id-Direttur Spiritwali, il-Kan. Dun Lawrenz Zammit.

**IT-TLIETA, 29 TA' JANNAR**

6.00 pm Quddiesa organizzata mill-Irġiel Anzjani. Iqaddes id-Direttur Spirtwali, Patri Ivan Scicluna O.Carm.

**L-ERBGĦA, 30 TA' JANNAR**

6.00 pm Quddiesa u Adorazzjoni animata mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. Iqaddes Patri Ivan Scicluna O.Carm

**IL-ĦAMIS, 31 TA' JANNAR**

Adorazzjoni mmexxija mill-Grupp Kariżmatiku.

**IS-SIBT, 2 TA' FRAR**

**FESTA GĦAT-TFAL TA' MALTA KOLLHA**

9.00 am Quddiesa ċċelebrata mill-Kan. Dun Ġwann Ciarlò għat-tfal ta' Malta kollha fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu. Fil-Quddiesa ssir il-preżentazzjoni tat-trabi u tfal.

| | |
|---|---|
| 10.00 am | Manifestazzjoni bl-istatwa ż-żgħira ta' San Pawl bis-sehem tal-Banda tas-Soc. Fil. Naz 'La Valette'. Il-Manifestazzjoni tgħaddi minn Triq San Pawl, Triq l-Arċisqof, Triq il-Lvant, Triq San Kristofru, Triq il-Mediterran, Triq San Nikola, Triq San Pawl, Triq l-Arċisqof, Triq il-Merkanti, Triq it-Teatru l-Antik, Triq ir-Repubblika u Triq Santa Luċija. Fl-aħħar tal-manifestazzjoni, l-istatwa tittella' f'postha fuq il-palk fi Triq Santa Luċija k/m Triq San Pawl fost l-entużjażmu tal-partitarji żgħażagħ Pawlini. |
| 6.00 pm | Quddiesa tal-Festa tal-Gandlora. Iqaddes l-Arċipriet il-Kan. Pen. Dun Vinċenz Borg, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata. |

**IL-ĦADD, 3 TA' FRAR**

## JUM L-GĦAQDA TAL-PAWLINI

| | |
|---|---|
| 6.00pm | Quddiesa organizzata mill-membri tal-Għaqda tal-Pawlini. Jiċċelebra l-Isqof Awżiljarju Mons. Joseph Galea Curmi. |
| 8.00 pm | Riċeviment mogħti mill-President u l-Kumitat tas-Soc. Fil. Naz. 'La Valette' fis-sede tas-Società. |

**IT-TNEJN, 4 TA' FRAR**

| | |
|---|---|
| 6.00pm | Quddiesa għat-Tfal tad-Duttrina. Iqaddes il-Kan. Dun Charles Vella. |
| 7.30 pm | Kunċert Ġenerali tradizzjonali fis-sede tas-Soc. Fil. Naz. 'La Valette'. Jiġu esegwiti marċi mill-arkivju tas-Soċjetà u jindaqqu ukoll innijiet popolari fosthom il-Marcia San Paolo ta' Maestro Cardenio Botti. |

**IT-TLIETA, 5 TA' FRAR**

## JUM L-UNITÀ TAL-PARROĊĊI

| | |
|---|---|
| 6.00 pm | Quddiesa. Mistiedna l-Kappillani ta' San Duminku, Santu Wistin u San Publiju flimkien mar-Retturi tal-Knejjes l-oħra u l-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali. Jippresiedi il-Kan. Pen. Dun Vinċenz Borg, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu. Jikkonċelebra u jippriedka fil-quddiesa il-Papas Martin Zammit. |
| 8.00 pm | Riċeviment mogħti mill-Għaqda tal-Pawlini fid-Domus Pauli u preżentazzjoni tal-Premju San Pawl għas-sena 2018-19 mill-Fergħa Żgħażagħ Pawlini. |

**L-ERBGĦA, 6 TA' FRAR**

## L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

| | |
|---|---|
| 5.15 pm | Għasar Solenni mmexxi mill-Kan. Dun Frans Perici Calascione. |
| 6.00 pm | Quddiesa Kantata solenni. Iqaddes Kan. Dun Ġwann Ciarlò. Wara l-Quddiesa, l-ewwel prietka tat-Tridu minn Mons. Lawrenz Sciberras. Innu, Antifona, u Barka Sagramentali. Jiċċelebra l-Kan. Dun David Farrugia, Kappillan ta' Ħal Safi. Wara jsir il-bews tar-relikwija tad-Driegħ Mirakoluż. |
| 8.30 pm | Brass Band tas-Soc. Fil. Naz. 'La Valette', imtella' mill-Għaqda tal-Pawlini fis-sede tal-istess Società Mużikali fi Triq ir-Repubblika. |

**IL-ĦAMIS, 7 TA' FRAR**

## IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

| | |
|---|---|
| 5.15 pm | Għasar Solenni mmexxi mill-Kan. Dun Lawrenz Zammit. |
| 6.00 pm | Quddiesa Kantata solenni. Iqaddes Kan. Dun Lawrenz Zammit. Wara l-Quddiesa, it-tieni prietka tat-Tridu minn Mons. Lawrenz Sciberras. Innu, Antifona, u Barka Sagramentali. Jiċċelebra l-Kan. Dun Charles Cini, Arċipriet tal-Furjana. Wara jsir il-bews tar-relikwija tad-Driegħ Mirakoluż. |
| 8.30 pm | L-Għaqda tal-Pawlini bis-sehem ta' Spiteri Lucas Entertainment tippreżenta 'Lejla Fil-Kapitali', serata ta' mużika varjata u kontemporanja fi Triq San Pawl. |

**IL-ĠIMGĦA, 8 TA' FRAR**

## IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

| | |
|---|---|
| 9.30 am | Adorazzjoni mmexxija mis-Sur Joe Fenech. |
| 5.15 pm | Għasar Solenni mmexxi mill-Kan. Teżorier Dun Ġwann Ciarlò. |
| 6.00 pm | Quddiesa kantata solenni. Iqaddes il-Kan. Kantur Dun Ġwann Borg. Wara l-Quddiesa, it-tielet prietka tat-Tridu minn Mons. Lawrenz Sciberras. Innu, Antifona, u Barka Sagramentali. Jiċċelebra l-Kan. Magister Carmelo Busuttil, Arċipriet tal-Birgu. Wara jsir il-bews tar-relikwija tad-Driegħ Mirakoluż. |
| 7.00 pm | Manifestazzjoni bl-istatwa ta' San Pawl Nawfragu bil-parteċipazzjoni tal-Għaqda Mużikali Sant'Elena ta' Birkirkara. Il-marċ jgħaddi minn Triq ir-Repubblika, Triq Santa Luċija, Triq San Pawl, Triq San Nikola, Triq il-Mediterran. Fl-aħħar tal-marċ, l-istatwa tittella' fuq il-pedestall quddiem il-Barrakka t'Isfel. |

**IS-SIBT, 9 TA' FRAR**

## LEJLET IL-FESTA

| | |
|---|---|
| 10.00 am | Quddiesa għall-anzjani u għall-morda li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Iqaddes l-ex. Arċipriet Kan. Mons. Alex Cordina. Il-qraba ta' dawk li huma rikoverati f'xi dar tal-Anzjani huma mitluba jġibuhom huma stess. |
| 5.15 pm | Transulazzjoni Solenni mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna. Għasar solenni bis-sehem tal-kor u l-orkestra. |
| 7.00 pm | Quddiesa Kantata ta' lejlet il-Festa mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Pawlu Cremona O.P. Arċisqof Emeritus. |
| 7.00 pm | Marċ tradizzjonali u popolari mill-Banda tas-Soc. Fil. Naz. 'La Valette' flimkien mal-Banda tal-Għaqda Mużikali Beland taż-Żejtun. Il-Banda 'La Valette' tibda minn Triq ir-Repubblika, Triq San Ġwann, Misraħ San Ġwann, Triq Merkanti, Triq Melita, Triq San Pawl, Triq San Kristofru sa ħdejn il-Monument tal-Qanpiena, filwaqt li l-Banda Beland tibda minn Triq Melita, Triq San Pawl, Triq San Kristofru sa ħdejn il-Monument tal-Qanpiena. Fl-aħħar tal-marċ isir spettaklu piroketniku tal-art u tal-ajru fil-Port il-Kbir imtella' mill-Kummissjoni Nar tal-Għaqda tal-Pawlini. |

**IL-ĦADD, 10 TA' FRAR**

## JUM IL-FESTA TAN-NAWFRAĠJU TA' SAN PAWL

7.00 am Quddiesa ċċelebrata minn Patri Michael Camilleri O.P. Kappillan tal-Parroċċa ta' Portu Salvu u San Duminku.

8.00 am Quddiesa ċċelebrata minn Patri Deo Debono O.S.A. Kappillan tal-Parroċċa ta' Santu Wistin. Għall-quddies tas-7.00 am u tat-8.00 am mistiedna s-Superjuri u r-Retturi tal-Knejjes tal-Belt Valletta.

9.00 am Jasal l-Eċċ. Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta u l-Eċċ. Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta.

9.15 am Quddiesa Pontifikali mill-Eċċ. Tiegħu Mons Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta. Jinseġ il-Paniġierku l-istess Monsinjur Arċisqof.

11.45 am Quddiesa letta minn.Patri Victor Paul Farrugia O.Carm.

12.00 pm Il-Fondazzjoni Wirt Artna żżomm tradizzjoni antika ta' sparar mis-Saluting Battery tal-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, bħala l-Patrun tal-Gżejjer Maltin.

1.00 pm Marċ tradizzjonali u popolari mill-Banda tas-Soc. Fil. Naz. 'La Valette' li jgħaddi minn Triq San Pawl, Triq it-Teatru l-Antik, Triq ir-Repubblika, Triq Nofsinhar, Triq Zakkarija, Misraħ San Ġwann, Triq San Ġwann, Triq il-Merkanti, Triq Melita u Triq San Pawl.

3.45 pm Quddiesa bl-Ingliż għall-viżitaturi mill-Kan. Magister Carmelo Busuttil, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Birgu.

4.45 pm Għasar Kantat.

5.30 pm Purċissjoni Sinodali bil-vara ta' San Pawl u r-relikwija tad-Driegħ Mirakoluż. Imexxi l-Kan. Dun Stefan Galea. Takkumpanja l-Purċissjoni sad-dħul tal-vara fil-Knisja, is-Soċjetà San Pawl Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat li tilqa' l-vara ta' San Pawl ħierġa mill-Knisja bl-innu lil San Pawl ta' Mro. Cardenio Botti.

6.15 pm Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan ta' Ħal Qormi tesegwixxi marċ minn Triq ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann u tkompli takkumpanja l-vara ta' San Pawl minn Triq il-Merkanti, Triq Melita u Triq San Pawl sad-dħul tal-vara fil-Knisja.

7.00 pm Stqarrija tal-fidi fi Pjazza San Ġwann immexxija mill-Arċipriet, il-Kan. Pen. Dun Vinċenz Borg.

9.30 pm Dħul tal-purċissjoni, Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Matul il-purċissjoni, isir akkumpanjament piroteknku mtella' mill-Kummissjoni Nar fi ħdan l-Għaqda tal-Pawlini.

**IL-ĦADD, 17 TA' FRAR**

10.00 am Quddiesa ta' ringrazzjament 'l Alla u lill-Appostlu Missierna San Pawl għas-suċċess tal-Festa. L-Arċipriet u l-Kapitlu jirringrazzjaw lil kull min ħa sehem biex il-Festa kienet suċċess. Dħul tal-Vara lura fin-niċċa.

**Noti:** *Matul il-ġranet tal-Festa jieħu sehem il-Kor Parrokkjali 'Saulus'.*

*Fil-Quddiesa tal-ħruġ tal-vara ta' San Pawl min-niċċa u mill-Ewwel Jum tat-Tridu 'l quddiem, il-Kor u l-Orkestra jkunu taħt id-direzzjoni tal-Maestro Dr Joseph Gatt Ph.D.*

*Fid-19 ta' Jannar l-orkestra hija fuq stedina tal-Għaqda tal-Pawlini.*

**F'każ ta' maltemp, il-festa tiġi posposta għall-ġurnata tas-Sibt 16 ta' Frar 2019.**

# Programm Piroteknniku

Mtella' mill-Kummissjoni Nar fi ħdan l-Għaqda tal-Pawlini

**IS-SIBT, 9 TA' FRAR**

## LEJLET IL-FESTA

Mal-wasla tal-marċ qrib il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel, isir ħruq ta' salut, sfejjer, blalen, murtali tal-logħob, murtali tal-kulur u kaxxa infernali.

Wara, jinħaraq in-nar tal-art fi Triq il-Mediterran (taħt il-Monument tal-Qanpiena).

**IL-ĦADD, 10 TA' FRAR**

## JUM IL-FESTA

8.00am Salut minn ħdejn il-breakwater.

12.00 pm Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

5.30 pm Il-Kummissjoni Nar issellem lill-vara artistika u maestuża tal-Appostlu Missierna San Pawl b'salut tul Triq San Pawl. Mal-wasla tal-vara fi Triq Merkanti tinħaraq kaxxa infernali tal-bomba u spanjola. Wara, akkumpanjament ta' murtali tal-beraq, murtali tal-logħob, sfejjer u blalen sakemm il-vara tasal fi Triq ir-Repubblika.

In-nar kollu tal-festa, huwa maħdum mill-kmamar tan-nar San Mikiel ta' Ħal Lija, Santa Marija tal-Imqabba u l-Mellieħa Fireworks . Il-Kummissjoni Nar, fi ħdan l-Għaqda tal-Pawlini tal-Belt Valletta tixtieq tirringrazzja lill-benefatturi kollha li jgħinuha tul is-sena kollha, kemm bl-attendenza fl-attivitajiet li l-istess Kummissjoni tħejji minn żmien għal żmien u kemm min jappoġġjaha finanzjarjament.